GUDJA

Minuti tat-tmienja u tlettin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2011.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | John Mary Calleja |
| Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut, Osvaldo Pace u Anthony Dalli |

1. Approvazzjoni ta' minuti – 35/6 (23 ta' Novembru 2011)
   36/6 (29 ta' Novembru 2011)
   37/6 (01 ta' Diċembru 2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Performance Appraisal

5. Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja – Progress dwar il-bilanċ tal-pagamenti lill-kuntrattur.

6. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar-Progress

7. Trasport Pubbliku – Progress

8. Konfini – Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja

9. Awgurju Milied 2011 u Sena Gdida 2012.

10. Finanzi
    a. Petty Cash
    b. Skeda ta' pagamenti
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

11. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.40p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 35/6 (23 ta' Novembru 2011)**
**36/6 (29 ta' Novembru 2011)**
**37/6 (01 ta' Diċembru 2011)**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għandi il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2.0 Affarijiet li qamu mill-minuti 35/6 (23 ta' Novembru 2011)

1.2.1 Tema 2.2.2 Ġbir ta' borża griża jew ħadra ta' skart riċikrabbli

Il-Viċi-Sindku Sur R. Baldacchino qal illi jkun aħjar jekk minflokk l-01 ta' Jannar 2012 tiġi l-01 ta' Marzu 2012 u għalhekk kull nhar ta' Tlieta tibda tinġabar biss il-borża ta' skart riċikrabbli u ma jkunx hemm ġbir tal-borża s-sewda. Il-ġbir mill-bins-onwheels ta' skart domestiku jibqa l-istess.

Il-Kunsill qabel li din id-data issir l-01 ta' Marzu 2012 u qabel ukoll li jinforma lir-residenti tal-Gudja dwar din il-bidla u dwar l-importanza kbira li r-residenti tal-Gudja jagħmlu aktar użu mis-sistema tal-ġbir ta' skart riċikrabbli u li jonqos l-ammont ta' skart imħallat.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Law Enforcement System (LES). Is-Sindku qal li l-Kunsill rċieva s-somma ta' €15,700.00 mingħand il-Kumitat Konġunt taż-Żejtun li jihder li huwa l-bilanċ finali.

Il-Kunsill qabel li jibqa jinsisti li jingħata l-Audited Accounts għaliex dawn ikunu meħtieġa għall-awditjar tal-Kunsill.

2.1.2 Laqgħa mal-Kunsulent tat-TM s-Sur Josie Brincat dwar il-ħtiġijiet tal-Gudja:

i. Pelican Lights ħdejn l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta (Gudja)
ii. Pelican Lights ħdjen il-ġibjun f'Dawret il-Gudja, Gudja
iii. Sistema ta' traffic management aħjar fix-xifer ta' Triq Bir Miftuħ li tagħti għal-Dawret il-Gudja
iv. Sistema ta' Traffic Management aħjar fl-inħawi tal-Palazz ta' Bettina li tagħti lejn Ħal Għaxaq u Triq Ħal Tarxien, Gudja

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-Sur Josie Brinat u uffiċjali oħra għolja ta' TM dwar dawn il-pendenzi u ġie assigurat li TM qed tistudja l-implimentazzjoni ta' dawn it-talbiet tal-Kunsill u li jidher li sejjer ikun hemm progress fi żmien qasir.

Il-Kunsill qabel li jibqa' jagħmel kuntatt u pressjoni fuq TM sabiex issir ix-xogħol meħtieġ fl-aqsar żmien possibli.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Memo 122/2011 – Skema ta' finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar. Fondi dwar proġetti storiċi żgħar:-

i. Salib tad-Dejma Bir Miftuħ, Gudja

ii. Menħir qrib Bir Miftuħ, Gudja
iii. Niċeċ fil-Gudja
iv. Inħawi ta' Loretu fil-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kien qed jeżamina l-possbilita' li jbbenefika minn dawn il-fondi u kein qed issir kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex jgħin lill-Kunsill fl-applikazzjonijiet dwar dawn il-fondi speċjalemnt dwar is-Salib tad-Dejma u l-Menħir u l-inħawi tal-madwar.

2.2.2 Playing fields fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kien qed jistenna risposta dwar l-applikazzjoni ta' fondi sabiex issir ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill qabel li jagħmel il-kuntatti meħtieġa sabiex jingħata tagħrif dwar meta sejra tittieħed deċiżjoni dwar dawn il-fondi tant meħtieġa sabiex dawn il-playing fields ikunu ta' l-istandards meħtieġa.

2.2.3 Ċelebrazzjonijiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2011/2012. Is-Sur Baldacchino qal li l-programm qed jiġi mwettaq kif preparat iżda minħabba l-fatt li l-Kunsill ma rċieva l-ebda ħjiel dwar il-fondi l-attivita li kienet qed tiġi pjanata għas-07 ta' Jannar 2012 din kellha tiġi mħassra.

Il-Kunsill qabel li l-attivita li kient maħsbua li ssir fl-inħawi ta' Bir Miftuħ, Gudja issir fir-Rebbiegħa u għalhekk jinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar dan u li l-Kunsill jingħata l-fondi daqs li kieku din l-attivita tkun sejra issir fis-07 ta' Jannar 2012.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Mark-Anthony Sammut

a. Librerija Gużeppi Zammit Gudja. Is-Sur Sammut staqsa jekk il-Kunsill applikax għall-fondi taħt l-iskema li ħarġet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill ħa diversi fondi dwar xiri ta' kotba u xkaffef u ikkonferma ukoll li l-Kunsill applika għall-fondi skond l-aħħar sejħa li għamel id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

b. Estenzjoni ta' sleeping policeman fi Triq Bir Miftuħ, Gudja. Is-Sur Sammut qal li hemm il-ħtieġa li fi Triq Bir Miftuħ maġemb Triq T. Zammit, tiġi estiża fuq in-naħa tat-Triq Bir Miftuħ, biċċa rampa bit-tarmak jew lastiku sabiex sewwieqa irresponsabbli ma jsibux spazju li jevitaw l-isleeping policeman eżistenti billi jkun hemm sewqan kontrollat u bil-galbu.

c. Parteċipazzjoni mal-Malta Olympic Committee (MOC). Is-Sur Sammut informa l-Kunsill illi l-programm li qed iwettaq l-Kunsill fil-qasam ta' l-isports ġie rikonoxxut mill-MOC u ingħata Diploma ta' rikkonoxximent u apprezzament tal-ħidma tal-Kunsill Lokali Gudja fil-qasam sportiv.

Is-Sur Sammut qal ukoll li l-Kunsill qed jaħdem ukoll mal-Kunsill Malti tal-Isports (KMS) dwar il-programm tas-sena 2012 liema programm sejjer jiġi finanzjat fuq bażi 50% pagabbli mill-KMS u 50% pagabbli mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li jkun parteċipi fil-qasam sportiv u dan bil-għan li jkun ta' servizz dirett għar-residenti tal-Gudja kif ikun meħtieġ.

2.3.2 Osvaldo Pace

a. Mappa Turistika għall-Gudja. Is-Sur Pace qal li kien qed jaħdem flimkien mas-Sur Mario Gatt sabiex dan il-proġett jitwettaq għaliex b'hekk il-Gudja tkompli issir t'attrazzjoni turistika u tħajjar aktar nies iżuru u japprezzaw l-ġmiel u l-wirt kulturali u storiku tal-Gudja.

b. Ċentru Ċiviku fi Ġnien Raymond Caruana Gudja. Is-Sur Pace qal li jħoss li wasal iż-żmien li l-Kunsill jaħseb għal bini ġdid tal-Kunsill u Ċentru Ċiviku fil-qalba tal-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għandu japplika għad-devoluzzjoni ta' biċċa art biswit il-Palazz ta' Bettina għaliex din fiha potenzjal kbir li sservi l-ħtieġa tal-Kunsill.

Ġie diskuss ukoll li jista' issir żvilupp tal-Wesgħa t'Anġlu Dalli.

Saret diskussjoni dwar dawn il-proposti u dwar l-fondi meħtieġa jekk il-Kunsill jimbarka fuq xi proġett f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li jkompli bl-istħarriġ tiegħu dwar dawn il-proposti.

2.3.3 Anthony Dalli

a. Life Long Learning Centre fl-iskola Primarja tal-Gudja. Is-Sur Dalli qal li dan iċ-ċentru qed ssir popolari u ta' importanza iżda qed ikollu jillimita l-attivitajiet ta' dan iċ-ċentru minħabba li huwa żgħir u ta' kapaċita limitata.

Is-Sur Dalli qal li l-Kunsill għandu jagħmel il-preparazzjonijiet u jidħol f'negozjati ma' l-iskola sabiex jingħata spazju akbar billi jżid l-kamra li fiha hemm l-kċina u li wara li jsiru l-arranġament u jinkisbu l-permessi meħtieġa ż-żewġ kmamar issiru sala waħda.

Il-Kunsill qabel dwar dan u qabel ukoll li jsir il-kuntatt u konsultazzjoni mal-Kap ta' l-iSkola sabiex jibdew il-proċeduri meħtieġa fl-aħjar interess ta' l-iskola u tal-Kunsill billi jsir l-aħjar użu tar-riżorsi li jeżistu ġewwa l-Gudja.

b. Injezzjonijeit ta' l-influwenza ġewwa l-Gudja. Is-Sur Dalli qal li r-residenti tal-Gudja (dawk li kienu ntitolati għal din l-injezzjoni) ikkonkorrew sewwa u huwa jħoss li din l-attivita tibqa tingħata l-importanza tagħha għaliex b'hekk l-Kunsill juri u fil-fatt ikun ta' servizz dirett għan-nies tal-Gudja.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ra lista t'ilmenti u ġie infurmat li fejn ikun possibli l-ilmenti jiġu konsiderati u solvuti malli jaslu għand il-Kunsill u fl-aqsar żmien possibli għas-sodisfazzjon ta' min iressq l-ilment għand il-Kunsill.

3.1.2 Ilment dwar il-ħtieġa ta' double yellow line ta' metru fuq il-lemin kif tħares fuq il-faċċata ta' garage fi Triq De Warsbergh għaliex qed ikun hemm problema biex wieħed jidħol fil-garage peress li qed ikun hemm minn jipparkja mar-rampa tal-garage.

Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM dwar linji gwida dwar meta triq tkun 'one way' u d-direzzjoni tat-traffiku tkun fuq naħa waħda kif jista jiġi mħares li ma jkunx hemm ostakolu għal min ikun irid jidħol/joħroġ il-vettura fil- u mill-garaxx mat-triq.

3.2.0 Ittri li ntbagħtu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħatu mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li rċieva l-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress u l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**4.0 Performance Appraisal:-**
**a. Mr Joseph M. Formosa**
**b. Ms Antoinette Azzopardi**

4.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapporti dwar il-ħidma ta' dawn l-impjegati u iddeċieda li tingħata r-rata massima ta' performance bonus u dan wara li jiġu osservati l-proċeduri u r-regolamenti kollha f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ikkonferma ukoll li dawn l-impjegati ikomplu fil-kariga rispettiva tagħhom mal-Kunsill b'mod indefinit.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku, lill-Viċi-Sindku u l-kunsillieri kollha għall-koperazzjoni u l-apprezzament tal-ħidma amministrattiva u eżekuttiva fi ħdan il-Kunsill ghal ġid tal-kommunita tal-Gudja.

**5.0 Proġett ta' toroq u bankini fi Triq l-Awrekarja, p/o Triq J. Gravina u Triq Hal Resqun, Triq il-Kappillan u Triq William Baker Gudja – Progress dwar il-bilanċ tal-pagamenti lill-kuntrattur.**

5.1 Saret diskussjoni dwar d-dewmien u nuqqasijiet oħra speċjalment fi Triq Ħal Resqun. Il-Kunsill qabel li jaħdem mal-Perit William Lewis sabiex jiġu kwantifikati b'mod finanzjarju dawn in-nuqqasijiet kemm ta' dewmien skond il-kuntratt kif ukoll dwar xogħol riparatorju meħtieġ sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista jasal għal pagamenti ġust u korrett li jista' ikun dovut finalment dwar dawn it-toroq.

**6.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar-Progress**

6.1 Il-Kunsill ġie infurmat li qed ikun hemm dewmien kaġunat minn diversi ostakli u dwar xi ħsarat u ilmenti li waslu għand il-Kunsill minn xi residenti.

6.2 Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Awtorita tad-Djar sabiex testendi ż-żmien (speċjalment dwar il-pagamenti) u li fil-idu tas-sena 2012 issir site meeting fil-preżenza tal-kuntrattur, il-Perit tal-Awtorita' tad-Djar u l-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi eżaminat ix-xogħol u dwar dak li jkun għad fadal xi jsir sabiex dan il-proġett jitlesta possibilment sa mhux aktar tard mill-21 ta' Jannar 2012.

**7.0 Trasport Pubbliku – Progress**

7.1 Il-Kunsill reġa iddiskuta dwar l-importanza li r-residenti tal-Gudja ikollhom servizz xieraq lejn Raħal Ġdid (Paola) u lura. Il-Kunsill iddeċieda li jerġa jitlob lit-TM sabiex ir-rotta X2 u X3 tieqaf ukoll quddiem il-Palazz ta' Bettina b'mod stabbilit u li r-rotta X2 jew X3 tidħol u tgħaddi minn ġewwa l-Gudja kif qed issir bir-rotot X4 u X5.

7.2 Bidu tas-servizz X4 u X5. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lit-TM li dan is-servizz għandu jasal il-Gudja fil-5.30am u għalhekk jibda minn Marsascala fil-5.00a.m.

7.3 Bdil fi stage Burġlat fi Triq Bir Miftuħ. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lit-TM li dan l-istage jitla l-fuq u jiġi qrib il-vilel ġewwa din it-triq. It-TM għandha ukoll tikkonsidra li tagħmel stages meħtieġa f'din it-tirq sabiex il-pubbliku jkun moqdi aħjar, iżda b'mod li dawn l-istages ma jkunux ta' inkonvenjent u riskju għar-residenti ta' fejn jitwaħħlu.

## 8.0 Konfini – Ajruport Internazzjonali ta' Malta fil-Gudja

8.1 Il-Kunsill ġie infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali informa lill-Kunsill ta' Ħal Luqa dwar it-talba tal-Kunsill tal-Gudja.

8.2 Il-Kunsill qabel li għandu jkompli bill-ħidma tiegħu sabiex jiġi assigurat li jkun definit b'mod kategoriku li l-bini tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta jinsab fil-konfini tal-Gudja.

8.3 Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-impatt dwar l-ambjent tal-bini Sky Parks u dwar il-ħtieġa li b'xi mod jew ieħor l-Kunsill jikseb kumpens sabiex ikun jista jirrimedja dwar l-impatt negattiv dwar l-ambjent li sejjer jiġi kkaġunat minħabba dan il-bini, speċjalmetn meta dan il-bini jibda jiġi operat u użat.

***Sospenzjoni ta' l-Agenda***

Il-Kunsill qabel li jkun hemm sospenzjoni ta' l-Agenda sabiex l-awgurju Milied 2011 u Sena Ġdida 2012 sabiex isiru ma' l-għeluq tal-laqgħa.

## 10.0 Finanzi

10.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €51.74 t'Ottubru 2011 kif ippreżentat lill-Kunsill.

10.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2011 għas-somma totali ta' €34,104.98 ġie approvata kif ipreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammont murija fuq l-istess skeda tal-pagamenti.

10.3 Talbiet għal xiri u xogħlijiet. Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u nefqa kif indikati f'dawn il-minuti.

## 11.0 Għeluq tal-laqgħa

11.1 Talba lit-TM sabiex issir yellow line fi Triq Ħal Resqun Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex tapprova li jsir yellow line fuq in-naħa ta' l-għelieqi speċjalment f'dik il-parti tat-triq li tidjieq li ma jkunx jista' issir parking fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

11.2 Xogħlijiet ta' Toroq fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jagħti prijorita dwar xogħlijet meħtieġa fit-Triq il-Kbira u Triq San Pawl Gudja. Dwar Triq San Pawl l-Kunsill wera t-tama li fi żmien qasir ikun kiseb informazzjoni dwar xi żviluppi ta' bini li jkun sejjer issir fi żmien s-sena 2012 u forsi jistgħu issiru xi arranġamenti mal-WSC sabiex ikun hemm l-house connection lesti qabel l-iżvilupp u b'hekk ma jkunx meħtieġ li tinqala t-triq wara l-iżvilupp.

11.3 Ħruġ ta' l-offerta dwar żamma ta' Ġonna u Soft Areas. Il-Kunsill qabel li jiġi mġedded l-kuntratt preżenti sa l-aħħar ta' Jannar 2012 u li toħroġ sejħa għall-offerti dwar dan is-servizz.

11.4 Laqgħa Pubblika 2012. Il-Kunsill qabel li ssir il-laqgħa pubblika 2012 nhar l-Erbgħa 15 ta' Frar 2012 u li jsiru l-arranġamenti meħtieġa sabiex ikun jista' ssir budget għas-sena 2012 li filwaqt li jkun jista' jlaħħaq ma l-aspirazzjoni tar-residenti ikun jista' jiġi approvat mill-Pubbliku Gudjan waqt l-istess laqgħa skond il-liġi dwar il-Kunsilli Lokali.

11.5 Awgurju Milied 2011 u Sena Ġdida 2012. Is-Sindku u l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri estendew l-isbaħ xewqat lil xulxin u lill-familjari tagħom kif ukoll lill-istaff tal-Kunsill u lill-Gudjani kollha kemm dawk residenti fil-Gudja, kif ukoll dawk residenti barra mill-Gudja kif ukoll lill-Gudjani li jinsabu mxerda l-barra minn xtutna.

***Aġġornament***

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal 31 ta' Jannar 2012 fil-5.30p.m. fuq agenda li tiġi ċirkulata qabel il-laqgħa.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John-Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Approvati: _______________